



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.5.2006
KUMM(2006) 253 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U
L-PARLAMENT EWROPEW**

Kunċett ta' Appoġġ tal-Komunità Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà

{SEC(2006) 658}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Raġunijiet u Għan Ġenerali.....	4
3.	Is-Sistema tas-Sigurtà u r-Riforma tagħha	4
3.1.	Il-ħtieġa ta' riforma fis-settur tas-sigurtà.....	4
3.2.	Is-sistema tas-sigurtà u r-riforma tagħha.....	5
4.	l-Appoġġ tal-Komunità Ewropea għall-SSR	6
4.1.	Oqsma ta' involviment.....	6
4.2.	Prinċipji li jiggwidaw l-appoġġ tal-KE għall-SSR.....	8
4.3.	Ir-rwol partikolari u s-saħħa ta' l-appoġġ tal-KE għall-SSR	8
5.	L-Appoġġ ta' l-UE għall-SSR fil-Futur	9
5.1.	Perspettivi tal-KE dwar kif għandu jissaħħaħ l-appoġġ globali ta' l-UE għall-SSR	9
5.2.	Rakkomandazzjoni għat-tisħiħ tal-kontribut tal-KE għall-appoġġ globali ta' l-UE għall-SSR	11

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

Kunċett ta' Appoġġ tal-Komunità Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà

1. INTRODUZZJONI

L-azzjoni esterna ta' l-Unjoni Ewropea tenfasizza l-identità tagħha bħala attur u sieħeb globali li jaħdem sabiex jippromwovi l-valuri komuni tiegħu jiġifieri r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-paċi, id-demokrazija, it-tmexxija tajba, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-istat tad-dritt u s-solidarjetà u l-ġustizzja, inkluż il-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà.¹ Il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti vjolenti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-azzjoni dwar il-fraġilità ta' l-istati huma parti mill-isforzi ta' l-UE sabiex tnaqqas l-insigurtà u telimina l-faqar u b'hekk tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp, l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà globali.

Illum hemm rikonoxximent akbar fil-komunità internazzjonali u fi ħdan l-UE li r-riforma tas-settur tas-sigurtà, jew *ir-riforma tas-sistema tas-sigurtà* kif inhi wkoll magħrufa, li tirrifletti n-natura multisettorjali tas-sistema tas-sigurtà, hija parti importanti fil-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u d-demokratizzazzjoni u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. L-SSR tirrigwarda sew ir-riforma ta' daww l-entitajiet li jipprovdu s-sigurtà liċ-ċittadini, kif ukoll riforma ta' daww l-istituzzjonijiet ta' l-istat responsabbli għall-ġestjoni u s-sorveljanza ta' daww l-entitajiet. B'hekk, ir-riforma tas-sistema tas-sigurtà tmur lil hinn mill-kunċett ta' effikaċja ta' servizzi individwali (inklużi l-militar, il-pulizija, l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja, eċċ.) u minflok tiffoka fuq it-tħaddim globali tas-sistema tas-sigurtà bħala parti minn politika u strateġija ta' riforma tat-tmexxija tas-settur pubbliku. Fi kliem ieħor, wieħed irid iħares lejn l-SSR bħala proċess ħolistiku, ta' tisħiħ tas-sigurtà għaċ-ċittadini kollha u li jindirizza wkoll in-nuqqasijiet fis-sistema tat-tmexxija. Dan sabiex ikun garantit li s-settur tas-sigurtà ma jitpoġġiex jew jiġi trattat daqs li kieku mhux parti mis-settur pubbliku ġenerali, iżda li wieħed iħares lejha bħala parti integrali iżda bilanċjata ta' l-allokazzjonijiet tar-riżorsi pubbliċi u l-qafas istituzzjonali ta' l-istat. Minkejja li xi aspetti ta' l-SSR jistgħu jkunu mmirati lejn l-immedjat, il-proċess globali ta' l-SSR jenħtieġ li jkun wieħed fit-tul u jkun ibbażat fuq responsabbiltà nazzjonali qawwija.

L-SSR mhux qasam ġdid ta' ħidma għall-Unjoni Ewropea. Hija kienet parti integrali mill-integrazzjoni, it-tkabbir u l-ġajnunja esterna ta' l-UE għal bosta snin. Permezz ta' strumenti tal-Komunità l-UE appoġġat proċessi ta' riforma f'pajjiżi u reġjuni sħab f'partijiet differenti tad-dinja u f'medda wiesgħa ta' oqsma ta' politika. Dawn jinkludu politika u strumenti li jaqgħu taħt il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, it-

¹ Kif rifless f'dokumenti ewlenin tal-politika bħad-Dikjarazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Politika ta' l-Iżvilupp, "Il-Kunsens Ewropew" dwar l-iżvilupp, adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Novembru 2005, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali nru C 46 ta' l-24..22006 u fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà (ESS) adottata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2003.

Tkabbir, il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Prevenzjoni tal-Kunflitti u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, id-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dimensjonijiet Esterni taż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE żviluppat kapaċitajiet addizzjonali biex tappoġġja l-SSR taħt il-Politika Komuni Barranija u tas-Sigurtà (CFSP) kif riflessa fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà². B'dan il-mod il-missjonijiet tal-Politika Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża (ESDP) u l-azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-SSR jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin, partikolarment f'pajjiżi f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' post-kriżi. Xi Stati Membri ta' l-UE huma wkoll attivi ħafna fl-appoġġ tal-proċessi tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fuq bażi bilaterali. Il-bżonn ta' kunċett aktar koerenti u komuni ta' l-UE dwar l-SSR madwar it-tliet pilastri ġie, għaldaqstant, imqajjem minn Stati Membri u mill-Kummissjoni sabiex jikkontribwixxi għal azzjoni esterna aktar effettiva ta' l-UE f'dan il-qasam. Dan id-dokument ta' kunċett huwa l-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal qafas ta' politika ta' l-UE aktar ċar u aktar integrat għal riforma tas-sistema tas-sigurtà.

2. RAĠUNIJET U GĦAN ĠENERALI

Id-dokument jippreżenta l-prinċipji u n-normi għall-involviment tal-Komunità Ewropea fl-SSR, ibbażat fuq l-appoġġ kurrenti f'pajjiżi u kuntesti reġjonali differenti, il-kwadri relevanti tal-politika li fihom il-KE tappoġġja l-SSR, u r-raġunijiet għaliex l-SSR huwa parti importanti mill-appoġġ tal-Komunità. B'dan il-mod, il-qafas tal-politika jgħin sabiex jiggarantixxi metodoloġiji aktar koordinati u strateġiċi għall-attivitajiet tal-Komunità li jaqgħu taħt l-istrumenti differenti tal-politika, filwaqt li jirrikonoxxi li l-SSR jenħteġ li jiġi trattat bħala kwistjoni trasversali, li tinvolvi d-diversi elementi ta' l-għajnuna barranija ta' l-UE. Minbarra dan, il-kunċett jipprova jiddefinixxi r-rwol tal-Komunità fil-kuntest aktar wiesa' ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE fil-qasam ta' l-SSR sabiex jiggarantixxi kumplementarjetà bejn l-attivitajiet tal-KE u dawk ta' l-UE bħala parti mis-CFSP/ESDP u l-Istati Membri fuq bażi bilaterali. L-għan huwa li dan il-kunċett u l-Kunċett ta' l-UE għal appoġġ ta' l-ESDP għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR), li ntlaħaq qbil dwaru taħt il-Presidenza tar-Renju Unit,³ jikkumplimentaw lil xulxin u jkun magħquda mal-qafas ta' kunċett globali ta' l-UE għall-SSR.

3. IS-SISTEMA TAS-SIGURTÀ U R-RIFORMA TAGĦHA

3.1. Il-ħtieġa ta' riforma fis-settur tas-sigurtà

Għall-KE, is-sigurtà mhix limitata għas-sigurtà territorjali ta' l-istat u għas-sigurtà ta' reġim partikolari; hija tinkludi sew is-sigurtà esterna kif ukoll dik interna ta' stat u ċ-ċittadini tiegħu. Għalhekk, hija tiffoka fuq is-sigurtà umana (ħelsien mill-bżonn,

² Ibid.

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill, Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni, 21-22 ta' Novembru 2005

ħelsien mill-biża' u libertà li wieħed jaġixxi għalih innifsu),⁴ it-tqegħid tas-sigurtà taċ-ċittadini fiċ-ċentru u b'hekk tikkomplimenta s-sigurtà ta' l-istat. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jistennaw li l-istat ikun kapaċi jżomm il-paċi u jggarantixxi l-interessi strateġiċi tas-sigurtà tal-pajjiż, filwaqt li jggarantixxi li d-drittijiet tagħhom għall-ħajja, għall-proprietà u dawk politiċi, ekonomiċi u soċjali jkun mħarsa. L-Istat għandu jkun kapaċi jħares liċ-ċittadini minn theddid ta' insigurtà, inkluż kunflitt vjolenti u terroriżmu, filwaqt li jħares lid-drittijiet u lill-istituzzjonijiet milli jkun mhedda minnhom. Dan id-dokument ta' kunċett jikkonċentra fuq dawk l-aspetti li huma mfassla biex jikkontribwixxu għall-paċi, il-ħarsien tal-ħajja u s-saħħa, u sabiex jggarantixxu l-ħarsien tal-liġi, u sorveljanza permezz tas-sistema tal-ġustizzja u istituzzjonijiet demokratiċi ta' l-entitajiet eżekuttivi rilevanti.

Forzi regolari ta' kobor eċċessiv u mħallsa f'it, forzi irregolari u ditti tas-sigurtà li joperaw barra mil-liġi, nuqqas ta' indipendenza, status u riżorsi ġudizzjarji, nuqqas ta' kapaċità, kompetenza legali u xi kultant rieda politika mill-parlamenti sabiex jggarantixxu r-responsabbiltà tas-servizzi tas-sigurtà, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-pulizija u l-forzi tad-difiża, kultura ta' impunità ta' l-istat u nuqqas ta' abilità sabiex titħares il-popolazzjoni minn atti terroristiċi; dawn huma xi wħud mill-isfidi li jinsabu quddiem il-pajjiżi sħab ta' l-UE, u li qegħdin itellfu l-isforzi komuni sabiex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli. Id-drittijiet taċ-ċittadini huma l-aktar vulnerabbli għall-abbużi minn aġenti ta' l-istat fi stati fejn m'hemmx spazju biex is-soċjetà ċivili tkun effettiva u fejn id-demokrazija hija dgħajfa jew ma teżistix. Dawn l-isfidi għandhom ukoll impatt fuq l-istabilità tar-reġjuni u fuq il-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Il-militar huwa biss strument wieħed biex tkun provduta s-sigurtà għall-popolazzjoni. Il-pulizija u l-ġendarmerija, il-qrati u s-sistema tal-ħabsijiet jipprovdu s-sigurtà billi jħarsu l-liġi u l-ordni fl-istat. Billi jħarsu kontra l-abbuż tal-poteri u jggarantixxu li l-*policies* ikunu mwettqa skond il-mandati mogħtija, entitajiet ta' sorveljanza demokratika (parlamenti, ombudsman eċċ.) u s-sistema ġudizzjarja wkoll jikkontribwixxu għas-sigurtà. Is-sorveljanza tista' tingħata wkoll mill-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili (bordijiet mhux militari tar-reviżjoni, kummissjonijiet għall-ilmenti tal-pubbliku), kif ukoll b'mod informali permezz ta' *lobbying* ta' l-NGOs, midja investigattiva eċċ.

3.2. Is-sistema tas-sigurtà u r-riforma tagħha

Fuq il-bażi tad-definizzjoni ta' l-OECD-DAC⁵, **is-sistema tas-sigurtà** tista' tkun definita bħala l-istituzzjonijiet kollha ta' l-istat u l-entitajiet l-oħra li għandhom rwol li jggarantixxu s-sigurtà ta' l-istat u n-nies tiegħu.

Parteċipanti ewlenin fis-sigurtà inklużi istituzzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi: il-forzi armati; il-pulizija; il-ġendarmeriji; il-forzi paramilitari; il-gwardji presidenzjali; is-servizzi ta' l-*intelligence*; il-gwardji tal-kosta; il-gwardji tal-fruntiera; l-awtoritajiet tad-dwana; l-unitajiet ta' riżerva jew tas-sigurtà lokali.

Entitajiet tal-ġestjoni u tas-sorveljanza tas-sigurtà: parlament/leġiżlatura; il-gvern/l-eżekuttiv inklużi l-ministeri tad-difiża, ta' l-affarijiet interni, l-affarijiet barranin;

⁴ *Sigurtà Umana Issa*, ir-Rapport finali tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà Umana (2003) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tmexxija u l-Iżvilupp, COM(2003) 615 finali.

⁵ *Ir-Riforma u t-Tmexxija tas-Sistema tas-Sigurtà, il-Politika u l-Prattika*, Serje ta' Linji gwida u Referenzi tad-DAC (Pariġi: OECD 2004).

entitajiet ta' konsulenza tas-sigurtà nazzjonali; awtoritajiet tradizzjonali; entitajiet tal-ġestjoni finanzjarja; u s-soċjetà ċivili, inklużi l-midja, l-akkademiċi u l-NGOs.

Istituzzjonijiet tal-ġustizzja: ministeri tal-ġustizzja; ħabsijiet; investigazzjoni kriminali u servizzi ta' prosekuzzjoni; il-ġudikatura (il-qrati u t-tribunali), is-servizzi ta' l-implimentazzjoni tal-ġustizzja (marixxalli u uxxiera), sistemi tal-ġustizzja tradizzjonali oħra; kummissjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, ombudsmen eċċ.

Forzi tas-sigurtà mhux statutorji: armati tal-liberazzjoni; armati ta' gwerillieri; unitajiet ta' gwardji privati; kumpaniji privati tas-sigurtà eċċ.

Ir-riforma tas-sistema tas-sigurtà tfisser it-trasformazzjoni tas-sistema tas-sigurtà, li tinkludi dawn l-atturi kollha, ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-azzjonijiet tagħhom, li jaħdmu flimkien sabiex jamministraw u joperaw is-sistema b'mod li huwa konsistenti man-normi demokratiċi u l-prinċipji sodi ta' tmexxija tajba, u għalhekk jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-qafas tas-sigurtà. Għall-KE, l-għan huwa li tikkontribwixxi b'mod espliċitu għat-tisħiħ tat-tmexxija tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-kontroll ċivili u s-sorveljanza Parlamentari huma aspetti ewlenin ta' l-SSR.

4. L-APPOĠĠ TAL-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-SSR

4.1. Oqsma ta' involviment

Il-Komunità Ewropea (KE) hija involuta f'appoġġ relatat ma' l-SSR f'aktar minn 70 pajjiż, sew permezz ta' programmi ġeografiċi kif ukoll permezz ta' dawk tematiċi⁶. Dan jinkludi appoġġ ta' l-SSR għall-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkażu tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali, il-Balkani tal-Punent, l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, il-Mediterran tan-Nofsinhar u l-Lvant Nofsani, l-Amerka Latina u l-Asja.

Il-KE appoġġat l-SSR f'pajjiżi u reġjuni f'ambjenti relattivament stabbli, f'pajjiżi li għaddejjin minn proċessi fit-tul ta' tranżizzjoni u demokratizzazzjoni kif ukoll pajjiżi fi proċessi tal-bini tal-paċi u tar-rikostruzzjoni immedjatament wara l-kunflitti u ta' dawk aktar fit-tul wara l-kunflitti⁷. Dan jinkludi appoġġ għar-riforma ta' l-istituzzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi, għall-istituzzjonijiet tal-ġustizzja, u għall-istituzzjonijiet ta' l-istat li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni u s-sorveljanza tas-sistema tas-sigurtà. Hemm ukoll numru kbir ta' attivitajiet imfassla sabiex isaħħu l-kontroll ċivili u t-tmexxija demokratika tas-settur pubbliku b'mod ġenerali u sabiex jiggwarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu wkoll is-settur tas-sigurtà u b'hekk jikkontribwixxu indirettament għar-riforma tas-settur tas-sigurtà. Marbuta ma' dan hemm l-appoġġ tal-KE għall-bini tal-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali għal attivitajiet relatati mas-settur tas-sigurtà u riformi fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà li jista' jkollhom ukoll impatt pożittiv fuq l-isforzi ta' l-SSR fuq livell nazzjonali.

⁶ Ara l-anness 2 Oqsma ta' appoġġ tal-KE għall-SSR - Eżempji Reġjonali u tal-Pajjiżi
⁷ Ibid.

Hemm numru ta' *policies* u strateġiji li huma relevanti għall-appoġġ f'dan il-qasam. Minkejja li l-prinċipji li jiggwidaw l-appoġġ għall-SSR għandhom ikunu l-istess għal kull tip ta' appoġġ tal-Komunità għall-SSR, il-metodoloġiji u l-metodi ta' l-implimentazzjoni jistgħu jvarjaw skond il-kwadri tal-politika u l-kuntasti tal-pajjiżi⁸. Fi ħdan l-OECD-DAC, l-Istati Membri ta' l-UE u l-KE għenu fl-iżvilupp ta' linji gwida għall-appoġġ għall-SSR, *Riforma tas-Sistemi tas-Sigurtà u Tmexxija*⁹ li jipprovdu bażi importanti għall-involvement tal-KE f'dan il-qasam, f'termini ta' normi, prinċipji u orjentament operattiv.

L-estensjoni ta' l-eliġibilità ta' l-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fil-qasam tas-sigurtà, kif miftiehem fil-Laqgħa ta' Livell Għoli OECD DAC f'Marzu 2005, tffisser li firxa usa' ta' attivitajiet ta' l-SSR tista' tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan ikopri l-aspetti mhux militari kollha ta' l-SSR, kif ukoll attivitajiet fir-rigward tal-kontroll demokratiku u mhux militari tal-partijiet militari ta' l-SSR, inkluża l-ġestjoni finanzjarja u amministrattiva tal-kwistjonijiet tad-difiża¹⁰.

L-appoġġ tal-KE jingħata f'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, inklużi n-NU, il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OSCE sabiex tiggarantixxi proċessi ta' bidla sostenibbli u b'responsabbiltà nazzjonali. Involvement politiku minn daww ikkonċernati fuq il-livell nazzjonali huwa ta' importanza ċentrali sabiex ikun garantit li jkun hemm proċess sostenibbli ta' riforma. Ir-responsabbiltà nazzjonali għall-proċess globali ta' riforma għandha għalhekk tkun dejjem garantita flimkien ma' involvement minn daww ikkonċernati fuq livell nazzjonali u reġjonali. Id-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi huwa strument importanti għall-UE u l-pajjiżi sħab li jaqblu dwar għanijiet komuni u prijoritajiet għall-azzjoni. Minbarra dan, l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' l-OECD/DAC għall-involvement internazzjonali effikaċi fl-istati fragli¹¹ sew mill-Komunità u mill-Istati Membri tista' tkompli tgħin fit-tisħiħ ta' qafas li jagħmel possibbli l-appoġġ għall-SSR f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

⁸ Ara l-anness 1- kwadri tal-Politika tal-KE u anness 3 dwar iċ-ċiklu programmatiku.

⁹ *Ir-Riforma u t-Tmexxija tas-Sistema tas-Sigurtà, il-Politika u l-Prattika*, Serje ta' Linji gwida u Referenzi tad-DAC (2004).

¹⁰ Kooperazzjoni teknika pprovduta lill-parlament, il-ministeri tal-gvern, l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura bħala għajnuna għar-reviżjoni u r-riforma tas-sistema tas-sigurtà sabiex tittejjeb it-tmexxija demokratika u l-kontroll mhux militari; kooperazzjoni teknika pprovduta lill-gvern sabiex tittejjeb is-sorveljanza mhux militari u l-kontroll demokratiku ta' l-ibbaġitjar, il-ġestjoni, ir-responsabbiltà u l-ivverifikar tan-nefqa tas-sigurtà, inklużi l-baġits militari, bħala parti minn programm tan-nefqa pubblika; għajnuna lis-soċjetà ċivili sabiex tittejjeb il-kompetenza u l-kapaċità tagħha li tissorvelja s-sistema tas-sigurtà sabiex din tkun ġestita skond in-normi demokratiċi u l-prinċipji tar-responsabbiltà, it-trasparenza u t-tmexxija tajba. Appoġġ dirett lill-militar u l-forzi tas-sigurtà mhux statutorji m'hix inkluża.

¹¹ Il-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-Ministri ta' l-Iżvilupp u Kapijiet ta' Aġenziji ta' l-OECD/DAC qablet fit-3 ta' Marzu 2005 li l-Prinċipji ppreparati mill-Grupp ta' l-Istati Fraġli ta' l-OECD/DAC dwar "involvement internazzjonali effikaċi fi stati fraġli" sew minn daww involuti fil-qasam ta' l-iżvilupp u daww fil-qasam tas-sigurtà, għandhom ikunu ppruvati f'9 stati fraġli sa l-aħħar ta' l-2006 u jkun kunsidrati għall-adozzjoni mill-HLM fl-2007.

4.2. Prinċipji li jiggwidaw l-appoġġ tal-KE għall-SSR¹²

Il-proċessi tar-riforma tas-sistemi tas-sigurtà għandhom ikunu:

- proċessi ta' riforma b'responsabbiltà nazzjonali/reġjonali mfassla għat-tisħiħ tat-tmexxija tajba, in-normi demokratiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità ma' normi li hemm qbil fuqhom internazzjonalment¹³;
- jindirizzaw il-ħtiġiet ewlenin ta' sistema tas-sigurtà li tiffunzjona tajjeb, inkluż l-iżvilupp ta' kunċett ta' sigurtà b'responsabbiltà nazzjonali, *policies* definiti tajjeb u tmexxija tajba ta' l-istituzzjonijiet tas-sigurtà, filwaqt li jkun garantit li kull żvilupp tal-forzi professjonali tas-sigurtà jwassalhom sabiex ikunu kemm responsabbli lejn l-awtoritajiet ċivili kif ukoll kapaċi li jwettqu d-dmirijiet operattivi li jingħatawllhom;
- jidhru bħala qafas sabiex ikunu indirizzati sfidi tas-sigurtà varjati li jkollhom quddiemhom l-istati u l-popolazzjonijiet tagħhom u bbażati fuq metodoloġija multi-settorjali sensittiva għaż-żewġ sessi u li jindirizzaw l-ħtiġiet ta' riforma f'setturi ewlenin differenti. Dan jinkludi s-separazzjoni tad-dmirijiet bejn servizzi u istituzzjonijiet differenti filwaqt li jitqies ir-rwol tas-soċjetà ċivili u strutturi oħra ta' tmexxija li mhumex ta' l-istat bħal m'huma, per eżempju, sistemi ġudizzjarji tradizzjonali f'xi soċjetajiet, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-SSR nazzjonali;
- ibbażati fuq l-istess prinċipji ta' responsabbiltà u trasparenza li japplikaw madwar is-settur pubbliku, b'mod partikolari tmexxija aħjar permezz ta' sorveljanza akbar ċivili u parlamentari tal-proċessi tas-sigurtà;
- ibbażati fuq id-djalogu politiku ma' kull pajjiż sieħeb, jindirizzaw il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ta' l-iżvilupp u tas-sigurtà, u jkun mwettqa f'sinerġija ma' strumenti oħra.

4.3. Ir-rwol partikolari u s-saħħa ta' l-appoġġ tal-KE għall-SSR

Il-KE timmira li tipprovdi valur miżjud f'appoġġ għall-SSR fuq il-bażi tal-fatturi li ġejjin:

- In-natura sopranazzjonali tal-Kummissjoni u l-esperjenza tagħha fil-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-bini tal-pajjiżi, inkluż f'sitwazzjonijiet diffiċli ħafna, jipprovduha bl-abilità li twettaq attivitajiet li jistgħu ma jkunux possibbli għal atturi oħra, inklużi donaturi bilaterali.
- Il-firxa globali tal-KE tippermetti lill-Kummissjoni taġixxi fi kważi kull reġjun tad-dinja, jekk jitqies li dan ikun meħtieġ, u li tirrispondi għal varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet.
- Preżenza fit-tul fuq il-post, permezz tad-Delegazzjonijiet tal-KE, tfisser li l-KE tista' tagħti appoġġ fit-tul sew għad-djalogu nazzjonali dwar l-SSR u għal aspetti

¹² Dawn huma bbażati fuq il-prinċipji ppreżentati fil-Linji gwida ta' l-OECD-DAC: *Ir-Riforma u t-Tmexxija tas-Sistema tas-Sigurtà, il-Politika u l-Prattika*, Serje ta' Linji gwida u Referenzi tad-DAC (Pariġi: OECD 2004).

¹³ Ara l-Anness 4

differenti tal-proċess ta' l-SSR, fir-rigward tal-partijiet interessati, gvernijiet, awtoritajiet nazzjonali u oħrajn.

- L-impenn għal koerenza tal-politika għall-iżvilupp b'mod partikolari fejn il-*policies* tal-KE għandhom impatti sinifikanti fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Metodoloġija koerenti għall-SSR li tqis il-konnessjonijiet mill-qrib bejn is-sigurtà, l-iżvilupp u t-tmexxija, inklużi l-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali, hija kruċjali għal riforma li tirnexxi u użu effettiv ta' riżorsi finanzjarji skarsi mhux biss fuq il-livell tal-Komunità, u ta' l-Istati Membri, iżda wkoll fuq il-livell tal-pajjiżi sħab.
- Il-firxa wiesgħa ta' strumenti – l-appoġġ tal-KE għall-SSR jifforma parti mill-għajnuna esterna u fid-djalogu politiku ta' l-UE. Il-potenzjal li tkun koordinata l-azzjoni tal-KE permezz tal-firxa ta' strumenti ta' politika u strumenti finanzjarji tagħha huwa vantaġġ kritiku fir-riforma tas-sistemi tas-sigurtà.
- Il-KE tista' tibbenefika minn varjetà ta' esperjenzi ta' l-SSR fost l-Istati Membri. Fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri l-ġodda, kien hemm riforma sħiħa tas-settur tas-sigurtà li seħħet fil-kuntest tal-bidla fir-reġim, u t-twaqqif ta' istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt.
- Il-potenzjal ta' koordinament u ta' ffaċilitar ta' l-armonizzazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-KE f'sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni permezz tal-promozzjoni ta' konnessjonijiet wara kriżi ma' l-irkupru u l-iżvilupp fit-tul, billi jkunu indirizzati l-kawżi oriġinali tal-kunflitti u billi jkunu garantiti koordinazzjoni u kumplementarjetà ma' l-azzjoni mwettqa mill-UE fil-qafas tas-CFSP/ESDP, mill-Istati Membri, minn organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali oħra u mis-soċjetà ċivili lokali, huwa vantaġġ kritiku fir-riforma tas-sistema tas-sigurtà. Dan jista' jsaħħaħ il-proċess ta' riforma f'sitwazzjonijiet ta' wara l-kunflitti u jista' jiehū l-orjentament tiegħu minn strateġiji integrati ta' tranżizzjoni, inklużi konnessjonijiet bejn l-appoġġ għall-SSR u l-appoġġ fil-qasam tad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' ex-kumbattenti (DDR).

5. L-APPOĠĠ TA' L-UE GĦALL-SSR FIL-FUTUR

5.1. Perspettivi tal-KE dwar kif għandu jissaħħaħ l-appoġġ globali ta' l-UE għall-SSR

Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà hija parti integrali mit-tkabbir ta' l-UE, fir-rigward tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, u hija parti importanti mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna esterna għal pajjiżi terzi. L-istrumenti l-ġodda għall-għajnuna esterna, li huma kollha rilevanti għall-appoġġ ta' l-SSR tal-KE, għandhom jippermettu lill-Komunità sabiex iżżid aktar l-appoġġ tagħha¹⁴. Il-Komunità jenħtigiha li tikkonċentra b'mod aktar ċar fuq l-aspetti tat-tmexxija ta' l-SSR, inkluż

¹⁴ Pereżempju, l-Istrument tal-Viċinat u tal-Partenarjat Ewropew joffri modi ġodda għall-kooperazzjoni li tinvolvi pajjiżi differenti u kapaċità li tkun appoġġjata firxa akbar ta' attivitajiet ta' l-SSR. Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni, il-pajjiżi li jibbenefikaw għandhom partikolarment ikunu appoġġjati fl-isforzi tagħhom sabiex iwettqu riformi, b'mod partikolari dwar is-sistemi legali tagħhom, il-pulizija, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura u sistemi penitenzjarji, id-dwana u l-kontroll tal-fruntieri. Kooperazzjoni li tinvolvi aktar minn pajjiż wieħed tgħin ukoll fil-prevenzjoni ta' theddid komuni għas-sigurtà f'żoni tal-fruntieri u l-għlieda kontra tagħhom.

it-tisħiħ tas-sorveljanza parlamentari, l-indipendenza ġudizzjarja u l-libertà tal-midja, u tadotta strateġija aktar ħolistika fir-rigward ta' l-SSR billi tagħti appoġġ koordinat għas-setturi differenti tal-proċess ta' l-SSR. Dan jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar ta' l-appoġġ tal-KE f'dan il-qasam u jirriżulta f'appoġġ aktar koordinat u sħiħ mill-UE kollha kemm hi. Sabiex jinkiseb dan, l-SSR irid ikun integrat b'mod aktar ċar fid-Dokumenti ta' l-Istrateġija tal-Pajjiżi u dawk Reġjonali u l-pjani ta' azzjoni kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni f'pajjiżi sħab.

Filwaqt li l-involvement ta' l-UE fuq perjodu ta' tul medju jew itwal dwar l-SSR jeħtieġ li jkun garantit permezz tal-programmi tal-Komunità u l-appoġġ bilaterali ta' l-Istati Membri, aktar involvement fuq perjodu qasir sa medju jista' jgħin biex jingħata bidu tajjeb lill-istrumenti li jaħdmu aktar fit-tul filwaqt li jikkumplimentahom. L-Istrument ta' Stabilità jkabbar il-kapaċità tal-Komunità li tirrispondi malajr u tinvolvi ruħha b'mod aktar flessibbli fuq perjodu qasir f'partijiet differenti tad-dinja. Il-missjonijiet ta' l-ESDP huma ta' sikwit involuti fl-appoġġ tal-fażijiet tal-bidu ta' l-SSR f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara l-kriżijiet u biex jinbdew oqsma ġodda ta' appoġġ ta' l-UE, partikolarment fir-rigward ta' oqsma bħar-riforma fundamentali ta' l-armata u ta' l-*intelligence*. Sabiex ikun konsolidat l-appoġġ ta' l-UE għall-SSR, l-UE jenħtiġilha tiggarrantixxi sinerġiji akbar bejn l-appoġġ bilaterali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri min-naħa l-waħda, u koordinazzjoni aktar effettiva bejn missjonijiet li jitwettqu fil-qafas ta' l-ESDP u l-azzjonijiet tal-Komunità u ta' l-Istati Membri min-naħa l-oħra.

Huwa importanti li l-UE kollha kemm hi tadotta strateġija ħolistika u prammatika għall-proċess tar-riforma sabiex tipprovdi appoġġ f'waqtu, kkoordinat tajjeb u relevanti matul il-proċess globali kollu u għall-partijiet differenti tiegħu. Analiżijiet strateġiċi u evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet kongunti¹⁵ tal-proċess globali u ppjanar ħolistiku, fejn applikabbli, jiggarrantixxu azzjoni aktar koerenti u koordinata. Għall-implimentazzjoni effettiva ta' l-appoġġ, ikunu importanti l-iskambju ta' l-għarfien espert u bażi aktar wiesgħa ta' esperti fl-Istati Membri li jistgħu jintużaw fir-rigward ta' aspetti differenti ta' l-appoġġ għall-SSR.

Fuq il-bażi ta' djalogu politiku mal-pajjiż sieħeb, l-UE trid tiggarrantixxi li l-appoġġ tagħha jkun jaqbel mal-ħtiġijiet u x-xewqat ta' dawk interessati fuq livell nazzjonali u li dan jitwettaq fil-kuntest politiku tal-proċess globali tar-riforma. L-azzjoni tas-soċjetà ċivili, mingħajr il-qbil minn qabel tal-gvernijiet, tista' wkoll tikkontribwixxi għal titjib fis-sorveljanza fis-settur tas-sigurtà. Minbarra dan, trid issir analiżi dwar liema azzjoni ta' l-UE tkun l-aktar xierqa għal kull kuntest partikolari, f'kumplimentarjetà ma' programmi eżistenti u b'żieda ta' valur f'termini ta' appoġġ internazzjonali għall-SSR. L-iżvilupp ta' linji gwida ħolistiċi ta' implimentazzjoni jkun pass importanti sussegwenti.

L-azzjoni ta' l-UE trid ukoll tkun koordinata max-xogħol ta' atturi esterni oħra. L-iżvilupp ta' kwadri ta' implimentazzjoni għall-SSR fl-OECD-DAC, bil-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u donaturi oħra (pereżempju, il-Kanada, l-Istati Uniti, il-Ġappun, in-Norveġja u l-Iżvizzera) jista' jtejjeb il-koordinazzjoni bejn id-donaturi u jagħmilha possibbli għad-donaturi li jikkumplimentaw l-appoġġ ta' xulxin.

¹⁵

KE, CFSP/ESDP u MS

Fil-promozzjoni tal-multilateraliżmu effettiv, għandu jkun hemm dejjem tentattiv sabiex ikun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-UN u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra inkluż ma' organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali, bħall-OSCE u l-Unjoni Afrikana, u mas-soċjetà ċivili. Dan jirrifletti l-fatt li huma sħab u parteċipanti importanti għall-UE fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-istrategġiji u l-programmi ta' l-SSR. Il-bini tal-kapaċità fuq livelli reġjonali u sub-reġjonali se jkun għalhekk punt fokali importanti fil-futur għall-appoġġ għall-SSR.

5.2. Rakkomandazzjoni għat-tisħiħ tal-kontribut tal-KE għall-appoġġ globali ta' l-UE għall-SSR

It-tisħiħ tad-djalogu tal-politika u ta' l-ipprogrammar

- Li jitwettaq djalogu politiku u ta' l-ipprogrammar aktar effettiv u ħolistiku ma' daww ikkonċernati fil-pajjiżi sħab billi jiddaħħlu standards internazzjonali fl-SSR¹⁶ u l-prinċipji ta' l-appoġġ tal-KE fid-djalogu tal-politika u l-ilħuq ta' qbil dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-mekkaniżmi tat-tkomplija tal-ħidma mal-gvernijiet u l-Atturi mhux Statali, fi sforz biex tkun indirizzata aħjar il-kapaċità u l-komportament ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi. Jista' jintlaħaq qbil li tingħata għajnuna mill-KE lil pajjiżi fejn il-kwalità tat-tmexxija tas-settur tas-sigurtà tkun qed tiddeterjora.

L-integrazzjoni ta' l-SSR fid-Dokumenti Strateġiċi tal-Pajjiżi (CSP) u Reġjonali (RSP), fil-Pjani ta' Azzjoni u fl-għodda programmatiċi

- L-integrazzjoni ta' l-SSR fis-CSPs, l-RSPs u l-Pjani ta' Azzjoni fuq il-bażi ta' analiżijiet tat-tmexxija u tal-kunflitt u analiżijiet dwar setturi speċifiċi tas-sigurtà. Dan jagħmilha eħfef għall-KE biex tadotta strateġija ħolistika fir-rigward ta' l-SSR. Fl-istess waqt, jenħtieġ li tkun garantita l-flessibilità sabiex il-KE tkun tista' taġġusta l-ipprogrammar għaċ-ċirkostanzi attwali. Il-Koordinazzjoni bejn is-CSPs bilaterali tal-KE u daww ta' l-Istati Membri tista' ttejjeb l-ippjanar ta' l-isforz globali ta' l-UE f'dan il-qasam.

It-twettiq ta' ppjanar koordinat

- Strateġija ta' ppjanar ikkoordinata fuq il-firxa kollha ta' l-istruttura tat-tliet pilastri, fejn applikabbli, tiggarantixxi koerenza aħjar għall-azzjonijiet kollha ta' l-UE.
- L-analiżi tal-ħtiġiet u l-użu ta' gruppi ta' evalwazzjoni u ppjanar sabiex iwettqu missjonijiet ta' ġbir ta' tagħrif jistgħu jgħinu fl-ippjanar ta' attivitajiet (addizzjonali) tal-KE u azzjoni aktar wiesgħa ta' l-UE. Missjonijiet konġunti mas-Segretarjat tal-Kunsill u/jew ma' l-Istati Membri għandhom ikunu kkunsidrati wkoll.

¹⁶

Ara l-Anness 4.

It-tisħiħ ta' l-implimentazzjoni globali ta' l-appoġġ ta' l-UE

- Il-ħidma għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet ta' l-UE mill-KE, l-UE fil-qafas tas-CFSP/ESDP u l-programmi bilaterali ta' l-Istati Membri fil-kwartieri ġenerali u fuq il-livell lokali.
- Il-ħidma biex tkun possibbli aktar implimentazzjoni konġunta bejn l-azzjoni tal-Komunità, dik ta' l-Istati Membri u dik ta' l-UE magħmula fil-qafas tas-CFSP/ESDP.

L-iżvilupp ta' għodda għall-ippjanar u l-implimentazzjoni

- L-iżvilupp ta' għodda għal analiżijiet ħolistiċi ta' l-SSR kif ukoll linji gwida operattivi għall-implimentazzjoni ta' l-SSR bħala tkompli tal-ħidma dwar dan il-kunċett jistgħu jgħinu fl-evalwazzjoni, l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ġenerali ta' l-appoġġ ta' l-UE/KE fil-qasam.

It-tkabbir tat-tagħrif espert u tar-riżerva ta' esperti għal missjonijiet u programmi fuq il-post

- Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-istituzzjonijiet rilevanti fl-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex tingħata risposta għall-ħtieġa li jintużaw esperti numerużi u kwalifikati għal attivitajiet fuq perjodu qasir, ta' tul medju jew fit-tul u sabiex isir dak li hu meħtieġ sabiex ikun hemm koerenza fil-profil, fit-taħriġ u fit-tagħmir għal dawn l-esperti li jkunu se jintbagħtu barra, fil-qafas ta' programmi speċifiċi ta' l-SSR. Jenħtieġ li jiġu identifikati modalitajiet xierqa għall-mobilizzazzjoni effettiva tar-riżorsi umani.

L-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-SSR sabiex l-SSR jitpoġġa fiċ-ċentru ta' l-ipprogrammar

- Sabiex l-UE tkun tista' tadotta strateġija aktar ħolistika u sħiħa dwar l-SSR, għandu jkun żviluppat taħriġ speċifiku għall-SSR sabiex jgħin biex l-SSR jitpoġġa fiċ-ċentru ta' l-ipprogrammar u sabiex jitwessa' t-tagħrif espert madwar l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri.

Prijoritizzazzjoni ta' l-SSR taħt l-Istrumenti Finanzjarji l-ġodda

- L-appoġġ għall-SSR għandu, fejn relevanti, jkun prijoritizzat taħt l-Istrumenti Finanzjarji l-ġodda billi tingħażel strateġija sħiħa u ħolistika għall-SSR, inklużi l-Istrument għall-Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u l-Partenarjat, l-Istrument għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika u dak għall-Istabilità. L-Istrument għall-Istabilità jista' jkollu rwol importanti fil-garanzija ta' appoġġ rapidu u flessibbli għal fażijiet kritiċi tal-proċess tar-riforma, filwaqt li jikkumplementa l-programmi ta' għajnuna fit-tul kif ukoll strumenti oħra għal perjodu qasir.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali

- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali, inklużi n-NU, l-OECD, il-Kunsill ta' l-Ewropa, l-OSCE u l-AU fit-taħriġ, il-qsim ta' l-informazzjoni dwar l-aħjar prattika u ppjanar u implimentazzjoni aktar koordinati ta' l-appoġġ għall-SSR. Għandha wkoll tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u donaturi oħra fuq il-livell lokali bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza ta' l-appoġġ ta' l-UE fil-qasam ta' l-SSR.